IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.12.2022
COM(2022) 737 final

2022/0427 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) (ST 10155/21; ST 10155/21 ADD 1) dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal-Lussemburgu

2022/0427 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) (ST 10155/21; ST 10155/21 ADD 1) dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal-Lussemburgu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[1] u b'mod partikulari l-Artikolu 2 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP") mil-Lussemburgu fit-30 ta' April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tiegħu lill-Kunsill. Il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021[2].

(2) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli ta' kull Stat Membru jenħtieġ li tiġi aġġornata sat-30 ta' Ġunju 2022 f'konformità mal-metodoloġija pprovduta fih. Fit-30 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati ta' dak l-aġġornament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(3) Fil-11 ta' Novembru 2022, il-Lussemburgu ppreżenta l-RRP aġġornat tiegħu lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, biex titqies il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP aġġornat, f'konformità mal-linji gwida ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V ta' dak ir-Regolament.

(4) L-aġġornament ippreżentat mil-Lussemburgu jaffettwa l-investiment fil-Ħiliet Diġitali skont il-Komponent 1A u l-istadji importanti u l-miri bin-numri sekwenzjali minn 1A-6 sa 1A-8, ("Taħriġ f'Ħiliet, Titjib tal-Ħiliet u Taħriġ mill-Ġdid").

(5) L-investiment fil-Ħiliet Diġitali, li jikkonċerna sett ta' korsijiet ta' tagħlim elettroniku dwar il-ħiliet diġitali mmirati lejn l-impjegati li tqiegħdu fuq skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar bejn Jannar u Marzu 2021, tneħħa mill-RRP aġġornat tal-Lussemburgu.

[1] ĠU 57, 18.2.2021, p. 17.

[2] ST10155/21; ST 10155/21 ADD 1, għadha mhux ippubblikata.

Id-deskrizzjoni tal-investiment fil-Ħiliet Diġitali, il-mira 1A-6 u l-istadji importanti 1A-7 u 1A-8 jenħtieġ li jitneħħew mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021.

(6) Il-modifika limitata ħafna mressqa mil-Lussemburgu ma taffettwax il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP, fir-rigward tar-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tiegħu tal-RRP.

(7) B'mod partikolari, fir-rigward tal-kriterju ta' valutazzjoni tal-Artikolu 19(3), il-punt (b), minkejja t-tneħħija tal-investiment fil-Ħiliet Diġitali, il-RRP aġġornat ikompli jindirizza l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti ta' sfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati mill-Kunsill lil-Lussemburgu fl-2019 u fl-2020, inkluż dwar il-politiki tas-suq tax-xogħol u dwar it-tranżizzjoni diġitali. Il-RRP aġġornat għad fih miżuri diġitali, inkluż dwar it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid. B'mod partikolari, il-programm FutureSkills jipprovdi ħiliet personali, diġitali u maniġerjali lil dawk li qed ifittxu impjieg, b'mira ddedikata għal dawk li qed ifittxu impjieg li għandhom 45 sena u aktar. Ir-riforma "Skillsdësch" għandha l-għan li tfassal programmi ta' taħriġ vokazzjonali ("Skillsbridges") li jgħinu lill-ħaddiema u lil dawk li qed ifittxu impjieg biex itejbu l-impjegabbiltà tagħhom matul it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Barra minn hekk, il-RRP aġġornat iżomm ukoll għadd ta' investimenti fid-diġitalizzazzjoni u l-innovazzjoni li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali fl-oqsma tal-kura tas-saħħa u s-servizzi pubbliċi, u billi jiżviluppa infrastruttura ta' komunikazzjoni ultra sigura.

(8) Barra minn hekk, fir-rigward tal-kriterju ta' valutazzjoni tal-punt (e) tal-Artikolu 19(3), filwaqt li titqies il-kontribuzzjoni finanzjarja massima mnaqqsa u l-RRP aġġornat, il-miżuri li effettivament jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika jammontaw għal 68,8 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP aġġornat, meta mqabbla ma' 60,9 % fl-RRP inizjali. Dawn iċ-ċifri ġew ikkalkulati f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241.

(9) Barra minn hekk, fir-rigward tal-kriterju ta' valutazzjoni tal-punt (f) tal-Artikolu 19(3), il-miżuri li effettivament jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 29,6 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP aġġornat, meta mqabbel ma' 31,6 % fl-RRP inizjali. Dawn iċ-ċifri ġew ikkalkulati f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII tar-Regolament (UE) 2021/241.

(10) Fir-rigward tal-kriterji ta' valutazzjoni tal-Artikolu 19(3), il-punti (a), (c), (d), (g), (h), (i), (j) u (k) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-modifiki limitati tal-RRP ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-pjan inizjali.

(11) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni dwar l-RRP aġġornat tal-Lussemburgu bis-sejba li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u mal-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-emendi għar-riformi u għall-proġetti ta' investiment meħtieġa biex jitqies l-RRP aġġornat.

(12) Il-kost totali stmat tal-RRP aġġornat tal-Lussemburgu huwa ta' EUR 88 354 077. Billi l-RRP aġġornat jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241 u, barra minn hekk, billi l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP aġġornat huwa ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għal-Lussemburgu, il-kontribuzzjoni finanzjarja allokata għall-RRP aġġornat tal-Lussemburgu jenħtieġ li tkun ugwali għall-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja aġġornata disponibbli għal-Lussemburgu.

(13) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal-Lussemburgu tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal-Lussemburgu hija emendata skont dan:

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

Il-valutazzjoni tal-RRP aġġornat tal-Lussemburgu fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inkluż l-istadji importanti u l-miri rilevanti, l-indikaturi rilevanti marbuta mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-*data* rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

(2) Fl-Artikolu 2, il-paragrafi 1 u 2 jiġu sostitwiti b'dawn li ġejjin:

1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Lussemburgu kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' appoġġ li ma jitħallasx lura li jammonta għal EUR 82 670 643[3]. Ammont ta' EUR 76 625 886 għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment sal-31 ta' Diċembru 2022. Ammont addizzjonali ta' EUR 6 044 757 għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni disponibbli għal-Lussemburgu fi ħlasijiet parzjali f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni. Il-Kummissjoni tista' tiżborża l-ħlasijiet parzjali f'segment wieħed jew f'diversi segmenti. Id-daqs tas-segmenti għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.

(3) L-Anness huwa emendat kif ġej:

(a) Taqsima 1: Ir-riformi u l-Investimenti skont il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza huwa emendat kif ġej:

(i) fil-punt 1. Deskrizzjoni tar-riformi u tal-investimenti; A. Komponent 1A: It-Taħriġ f'Ħiliet, it-Titjib tal-Ħiliet u t-Taħriġ mill-Ġdid, il-paragrafu 1, it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Programm ta' taħriġ, il-programm FutureSkills, jipprovdi ħiliet lil dawk li qed ifittxu impjieg, b'mira ddedikata għal dawk li qed ifittxu impjieg li għandhom 45 sena u aktar.";

[3] Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tal-Lussemburgu tal-ispejjeż tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija tal-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

(ii) fil-punt 1. Deskrizzjoni tar-riformi u tal-investimenti; A. Komponent 1A: Taħriġ f'Ħiliet, Titjib tal-Ħiliet u Taħriġ mill-Ġdid; A.1 Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, il-punt "Investiment 2: Ħiliet Diġitali" huwa mħassar;

(iii) fil-punt 1. Deskrizzjoni tar-riformi u tal-investimenti; A. Komponent 1A: Taħriġ f'Ħiliet, Titjib tal-Ħiliet u Taħriġ mill-Ġdid; A.2. L-istadji importanti, il-miri, l-indikaturi, u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, ir-ringieli 1A-6, 1A-7 u 1A-8 qed jitħassru;

(iv) fil-punt 2. Il-kost totali stmat tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, is-subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

> "Il-kost totali stmata tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Lussemburgu huwa ta' EUR 88 354 077."

(b) It-Taqsima 2: L-Appoġġ Finanzjarju huwa emendat kif ġej:

(i) fil-punt 1. Kontribuzzjoni finanzjarja, 1.1 L-Ewwel Pagament Parzjali (appoġġ mhux ripagabbli), ir-ringieli 1A-6, 1A-7 u 1A-8 huma mħassra;

(ii) fil-punt 1. Kontribuzzjoni finanzjarja, 1.1 L-Ewwel Pagament Parzjali (appoġġ mhux ripagabbli), l-Ammont ta' Pagament Parzjali ta' "EUR 29 858 611" fl-aħħar ringiela u l-kolonna huwa ssostitwit b'"EUR 24 858 611";

(iii) fil-punt 1. Kontribuzzjoni finanzjarja, 1.2 It-Tieni Pagament Parzjali (appoġġ mhux ripagabbli), l-Ammont ta' Pagament Parzjali ta' "EUR 24 413 757" fl-aħħar ringiela u kolonna huwa ssostitwit b'"EUR 22 228 500";

(iv) fil-punt 1. Kontribuzzjoni finanzjarja, 1.3 It-Tielet Pagament Parzjali (appoġġ mhux ripagabbli), l-Ammont ta' Pagament Parzjali ta' "EUR 18 626 256" fl-aħħar ringiela u kolonna huwa ssostitwit b'"EUR 16 959 033";

(v) fil-punt 1. Kontribuzzjoni finanzjarja, 1.4 Ir-Raba' Pagament Parzjali (appoġġ mhux ripagabbli), l-Ammont ta' Pagament Parzjali ta' "EUR 12 649 505" fl-aħħar ringiela u kolonna huwa sostitwit b'"EUR 11 517 256";

(vi) fil-punt 1. Kontribuzzjoni finanzjarja, 1.5 Il-Ħamest Pagament Parzjali (appoġġ mhux ripagabbli), l-Ammont ta' Pagament Parzjali ta' "EUR 7 805 947" fl-aħħar ringiela u kolonna huwa ssostitwit b'"EUR 7 107 243".

Artikolu 2
Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Gran Dukat tal-Lussemburgu.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President